REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1217

tal-25 ta' Awwissu 2020

dwar deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 li tikkonċerna l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u ċerti speċijiet ta' *Pinus* L., li joriġinaw fil-Ġappun, u li jirrevoka d-Deċiżjoni 2002/887/KE

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 30(1), 40(1) u 41(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/2031 ħassar u ssostitwixxa d-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE ([2]), filwaqt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([3]) issostitwixxa l-Annessi I sa V ta' dik id-Direttiva.

(2) L-Artikolu 7 flimkien mal-punt 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 jipprojbixxi l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti għat-tħawwil ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u *Pinus* L., għajr frott u żrieragħ. Preċedentement, il-projbizzjoni rispettiva kienet stabbilita fl-Artikolu 4(1) flimkien mal-punt 1 tal-Parti A tal-Anness III tad-Direttiva 2000/29/KE.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/887/KE ([4]) awtorizzat lill-Istati Membri jipprevedu derogi mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2000/29/KE, fir-rigward tal-projbizzjonijiet imsemmija fil-punt 1 tal-Parti A tal-Anness III ta' dik id-Direttiva, għall-pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u ta' ċerti speċijiet ta' *Pinus* L., li joriġinaw mill-Ġappun, għajr frott u żrieragħ.

(4) Fit-3 ta' Awwissu 2017, il-Ġappun ressaq talba għall-estensjoni ta' dik l-awtorizzazzjoni anki għall-pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali tal-bonsaj tal-arżnu iswed (*Pinus thunbergii* Parl.) u pprovda informazzjoni teknika li tappoġġa dik it-talba.

(5) F'Mejju 2019, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tat opinjoni xjentifika li tevalwa r-riskji għas-saħħa tal-pjanti mill-bonsaj tal-arżnu iswed importat mill-Ġappun ([5]). Dik l-opinjoni xjentifika kienet ibbażata fuq l-informazzjoni xjentifika u teknika disponibbli pprovduta mill-Ġappun, u kkonkludiet dwar il-probabbiltà tal-ħelsien mill-pesti fir-rigward tal-pesti li jistgħu jiġu assoċjati ma' dik il-komodità, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/887/KE tat-8 ta' Novembru 2002 li tawtorizza derogi minn xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE rigward pjanti li huma mċekkna naturalment jew artifiċjalment ta' *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u *Pinus* L., li joriġinaw fil-Ġappun (ĠU L 309, 12.11.2002, p. 8).

([5]) Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti, 2019. Opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-komodità tal-bonsaj tal-arżnu iswed (*Pinus thunbergii* Parl.) mill-Ġappun. EFSA Journal 2019;17(5):5667, 184 pp. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2019.5667.

(6) Uħud mill-pesti kkonċernati għadhom mhumiex elenkati bħala pesti ta' kwarantina tal-Unjoni iżda jaf jissodisfaw il-kriterji biex jiġu elenkati bħala tali, għalhekk jenħtieġ ikunu soġġetti għall-miżuri provviżorji stabbiliti fl-Artikolu 30 (1) tar-Regolament (UE) 2016/2031. Abbażi tal-opinjoni xjentifika tal-EFSA, il-kundizzjonijiet għall-importazzjoni tal-pjanti tal-bonsaj *Pinus thunbergii* Parl. mill-Ġappun li jiżguraw ċertu livell ta' ħelsien mill-pesti, jitqiesu aċċettabbli u jenħtieġ tingħata deroga għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, għal perjodu inizjali sal-31 ta' Diċembru 2023, biex tkun tista' ssir rieżami ta' dawk il-miżuri.

(7) F'Ottubru 2019, il-Ġappun ressaq talba wkoll għall-estensjoni tad-deroga mogħtija bid-Deċiżjoni 2002/887/KE għal *Chamaecyparis* Spach, *Juniperus* L. u ċerti speċijiet ta' *Pinus* L. Iċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw l-għoti ta' din id-deroga skont id-Deċiżjoni 2002/887/KE għadhom japplikaw u r-riskji fitosanitarji mill-introduzzjoni ta' dawn il-prodotti jibqgħu baxxi. Ma hemm l-ebda informazzjoni ġdida li tagħti lok għal reviżjoni tal-kundizzjonijiet speċifiċi fiha, u għalhekk jenħtieġ tingħata din l-estensjoni tad-deroga. Iżda jenħtieġ tiġi aġġornata l-lista tal-pesti ta' tħassib għal *Pinus sp*. biex tkun tkopri l-bidliet riċenti fit-tassonomija u l-informazzjoni xjentifika ġdida fl-opinjoni xjentifika tal-EFSA.

(8) Dik id-deroga jenħtieġ tkun soġġetta għall-istess rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni 2002/887/KE. Dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ japplikaw mingħajr preġudizzju għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u speċjalment għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 30 tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament dwar l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil, għajr żrieragħ.

(9) Id-Direttiva 2000/29/KE tħassret u ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) 2016/2031, u għalhekk jenħtieġ titħassar id-Deċiżjoni 2002/887/KE u tiġi sostitwita b'dan ir-Regolament għal raġunijiet ta' ċarezza u konsistenza legali.

(10) Id-deroga prevista f'dan ir-Regolament jenħtieġ tapplika sal-31 ta' Diċembru 2023 biex ikun jista' jsir ir-rieżami tagħha.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, "pjanti speċifikati" għandha tfisser pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali għat-tħawwil tal-ispeċijiet li ġejjin:

— *Chamaecyparis* sp. Spach,

— *Juniperus* sp. L.,

— *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr),

— *Pinus thunbergii* Parl.,

— *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc., imlaqqma fuq ir-riżoma ta' speċijiet oħra ta' *Pinus*, li joriġinaw mill-Ġappun, u

— *Pinus thunbergii* Parl. imlaqqma fuq ir-riżoma ta' speċijiet oħra ta' *Pinus*, li joriġinaw mill-Ġappun.

Artikolu 2

Deroga mill-projbizzjoni tal-introduzzjoni tal-pjanti speċifikati fl-Unjoni

B'deroga mill-Artikolu 7 u l-punt 1 tal-Anness VI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, il-pjanti speċifikati jistgħu jiġu introdotti fl-Unjoni, jekk ikunu konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Perjodi ta' applikazzjoni tad-deroga

Id-deroga prevista fl-Artikolu 2 tapplika għall-pjanti speċifikati importati fl-Unjoni fil-perjodi li ġejjin:

(a) *Chamaecyparis*: mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023;

(b) *Juniperus*: mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru 2023;

(c) *Pinus* L.: mill-1 ta' Ottubru 2020 sal-31 ta' Diċembru 2023.

Artikolu 4

Tħassir tad-Deċiżjoni 2002/887/KE

Id-Deċiżjoni 2002/887/KE titħassar.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti speċifikati f'konformità mal-Artikolu 2

1. Jekk il-pjanti speċifikati jkunu *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. jew *Pinus thunbergii* Parl. imlaqqma fuq ir-riżoma ta' speċi oħra ta' *Pinus*, ir-riżoma ma jkollhiex rimjiet.

2. It-total tal-pjanti speċifikati importati ma għandux jaqbeż il-kwantitajiet determinati għal kull sena u notifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mill-Istat Membru importatur, filwaqt li jitqiesu l-faċilitajiet ta' konfinament jew l-istazzjonijiet ta' kwarantina disponibbli.

3. Qabel l-esportazzjoni lejn l-Unjoni, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu tkabbru, nżammu jew ġew ikkultivati għal mill-inqas sentejn konsekuttivi fi mxietel reġistrati uffiċjalment, li huma soġġetti għal reġim tal-kontroll mill-Organizzazzjoni Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti ("NPPO") tal-Ġappun. Il-listi annwali tal-imxietel reġistrati uffiċjalment għandhom ikunu disponibbli għall-Kummissjoni sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena. Dawk il-listi għandhom jinkludu l-għadd ta' pjanti mkabbra f'kull mixtla, li jkunu tqiesu adattati għall-introduzzjoni fl-Unjoni skont dan ir-Regolament.

4. Dwar il-pjanti ta'*Juniperus*, il-pjanti tal-ġeneri *Chaenomeles* Lindl., *Crataegus* L., *Cydonia* Mill., *Juniperus* L., *Malus* Mill., *Photinia* Ldl. u *Pyrus* L., li jkunu tkabbru fl-aħħar sentejn qabel l-importazzjoni fl-imxietel tal-pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali msemmija fil-punt 3 jew fil-qrib tagħhom, għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment mill-inqas sitt darbiet fis-sena b'intervalli xierqa għall-preżenza tal-pesti ta' tħassib. Fil-każ tal-pjanti *Chamaecyparis* u *Pinus*, il-pjanti tal-ġenuru *Chamaecyparis* Spach u tal-ġeneru *Pinus* L. li jkunu tkabbru f'dawn l-imxietel tal-pjanti mċekkna b'mod naturali jew artifiċjali jew fil-qrib tagħhom għandhom ikunu ġew spezzjonati uffiċjalment għall-inqas sitt darbiet fis-sena b'intervalli xierqa għall-preżenza tal-pesti ta' tħassib.

   Il-pesti ta' tħassib huma:

   (a) għall-pjanti ta' *Juniperus*:

      (i) *Aschistonyx eppoi* Inouye,

      (ii) *Gymnosporangium asiaticum* Miyabe ex Yamada u G. yamadae Miyabe ex Yamada,

      (iii) *Oligonychus perditus* Pritchard et Baker,

      (iv) *Popillia japonica* Newman,

      (v) kull pest ta' kwarantina ieħor jew pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 li mhux magħruf li jeżisti fl-Unjoni;

   (b) għall-pjanti ta' *Chamaecyparis*:

      (i) *Popillia japonica* Newman,

      (ii) kull pest ta' kwarantina ieħor jew pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 li mhux magħruf li jeżisti fl-Unjoni;

   (c) għall-pjanti ta' *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. (*Pinus pentaphylla* Mayr):

      (i) *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner u Bührer) Nickle et al.,

      (ii) *Coleosporium paederiae* Dietel ex Hirats. f.,

      (iii) *Crisicoccus pini* (Kuwana),

      (iv) *Cronartium kurilense* (Dietel) Y. Ono

      (v) *Cronartiumquercuum* (Berk.) Miyabe ex Shirai,

      (vi) *Dendrolimus sibiricus* Chetverikov,

      (vii) *Dendrolimus spectabilis* (Butler),

      (viii) *Dendrolimus superans* Butler

      (ix) *Monochamus* spp. (popolazzjonijiet mhux Ewropej),

      (x) *Pissodes nitidus* Roelofs,

      (xi) *Popillia japonica* Newman,

(xii) *Pseudocercospora pini-densiflorae* (Hori & Nambu) Deighton,

(xiii) *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye,

(xiv) kull pest ta' kwarantina ieħor jew pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 li mhux magħruf li jeżisti fl-Unjoni;

(d) għall-pjanti ta' *Pinus thunbergii* Parl.:

(i) *Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner u Bührer) Nickle et al.,

(ii) *Coleosporium asterum* (Dietel) Sydow & P.Sydow,

(iii) *Coleosporium phellodendri* Komarov,

(iv) *Crisicoccus pini* (Kuwana),

(v) *Cronartium orientale* Kaneko,

(vi) *Dendrolimus sibiricus* Chetverikov,

(vii) *Dendrolimus spectabilis* (Butler),

(viii) *Dendrolimus superans* Butler

(ix) *Dothistroma septosporum* (Dorogin) Morelet,

(x) *Fusarium circinatum* Nirenberg & O'Donnell,

(xi) *Monochamus* spp. (popolazzjonijiet mhux Ewropej),

(xii) *Pissodes nitidus* Roelofs,

(xiii) *Popillia japonica* Newman,

(xiv) *Pseudocercospora pini-densiflorae* (Hori & Nambu) Deighton,

(xv) *Sirex nitobei* Mats.,

(xvi) *Thecodiplosis japonensis* Uchida & Inouye,

(xvii) *Urocerus japonicus* (F. Sm.),

(xviii) kull pest ta' kwarantina ieħor jew pest soġġett għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/2031 li mhux magħruf li jeżisti fl-Unjoni.

5. F'dawk l-ispezzjonijiet, il-pjanti speċifikati għandhom ikunu nstabu ħielsa mill-pesti ta' ħassib elenkati fil-punti (a) sa (d). Il-pjanti infestati għandhom jitneħħew mill-NPPO, jew mill-korpi nazzjonali kompetenti jew mill-operaturi professjonisti bis-superviżjoni uffiċjali tal-NPPO tal-Ġappun. Il-pjanti speċifikati li jibqa' għandhom jiġu ttrattati b'mod effettiv u jinżammu għal perjodu xieraq u jiġu spezzjonati biex ikun żgurat jkunu li ħielsa minn dawn il-pesti.

Kull sejba tal-pesti ta' ħassib imsemmija fil-punt 4, waqt l-ispezzjonijiet magħmula skont il-punt 4, għandha tiġi rreġistrata uffiċjalment, u r-reġistru għandu jkun disponibbli għall-Kummissjoni, fuq talba tagħha. Kull sejba ta' xi wieħed mill-pesti ta' ħassib għandha tiskwalifika lill-mixtla mill-istatus ta' mixtla rreġistrata uffiċjalment. Il-Kummissjoni għandha tiġi informata b'dan minnufih. F'dan il-każ, ir-reġistrazzjoni ma tistax tiġġedded qabel is-sena ta' wara.

6. Il-pjanti speċifikati maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, għandhom, tul il-perjodu ta' sentejn konsekuttivi msemmi fil-punt 3:

(a) jitħawlu fi qsari li jitqiegħdu fuq xkafef għoljin mill-inqas 50 cm mill-art jew fuq paviment tal-konkrit impenettrabbli għan-nematodi, li jinżamm tajjeb u ħieles mit-trab; kif ukoll

(b) jinstabu ħielsa mill-pesti ta' ħassib, fl-ispezzjonijiet imsemmija fil-punt 4; kif ukoll

(c) jekk jappartienu għall-ġeneru *Pinus* L. u fil-każ ta' tlaqqim fuq ir-riżoma ta' speċi oħra ta' *Pinus*, għajr ta' *Pinus parviflora* Sieb. & Zucc. jew *Pinus thunbergii* Parl., għandu jkollhom ir-riżoma dderivata minn sorsi approvati uffiċjalment bħala materjal f'saħħtu; kif ukoll

(d) jingħarfu b'marka jew kodiċi ta' traċċabbiltà, esklussiva għal kull pjanta individwali u notifikata lill-NPPO tal-Ġappun, li tippermetti l-identifikazzjoni tal-mixtla reġistrata uffiċjalment u tas-sena tat-tħawwil fil-qsari.

7. Il-pjanti speċifikati ilhom traċċabbli mill-ħin tat-tneħħija tagħhom mill-mixtla sal-ħin tat-tagħbija għall-esportazzjoni, permezz tas-siġillar tal-vetturi tat-trasport jew b'alteranttivi xierqa.

8. Il-pjanti speċifikati u l-materjal għat-tkabbir aderenti jew assoċjat ("il-materjal") għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat fitosanitarju, maħruġ mill-NPPO tal-Ġappun, li jiċċertifika l-konformità mar-rekwiżiti speċifikati fil-punti 1 sa 7 ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, u fil-punt 30 tal-Anness VII tar-Regolament (UE) 2019/2072.

   Iċ-ċertifikat għandu jindika:

   (a) l-isem jew l-ismijiet tal-mixtla jew l-imxietel reġistrati uffiċjalment;

   (b) il-marki jew il-kodiċijiet tat-traċċabbiltà msemmija fil-punt 6(d), safejn dawn jgħinu fl-identifikazzjoni tal-mixtla rreġistrata u s-sena tat-tħawwil fil-qsari;

   (c) l-ispeċifikazzjoni tal-aħħar trattament applikat, qabel it-tluq;

   (d) taħt "Dikjarazzjoni Addizzjonali", id-dikjarazzjoni "Din il-konsenja tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1217".

9. L-operatur responsabbli mill-konsenja għandu jimla u jressaq il-parti rilevanti tad-Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul (CHED) fl-IMSOC, li tindika mill-inqas l-informazzjoni li ġejja dwar kull konsenja ta' pjanti speċifikati:

   (a) it-tip ta' materjal,

   (b) il-kwantità ta' materjal,

   (c) id-data dikjarata tal-importazzjoni,

   (d) is-sit approvat uffiċjalment fejn se jinżammu l-pjanti speċifikati, taħt id-detenzjoni wara d-dħul imsemmija fil-punt 10.

   L-Istati Membri għandhom jinfurmaw uffiċjalment lill-importaturi, qabel l-introduzzjoni, bil-kundizzjonijiet imsemmija fil-punti minn 1 sa 12.

10. Qabel ir-rilaxx tal-materjal, għandu jkun soġġett għal detenzjoni uffiċjali wara d-dħul f'faċilità ta' konfinament jew fi stazzjon ta' kwarantina.

    (a) fil-każ tal-pjanti *Pinus* u *Chamaecyparis*, għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet xhur ta' tkabbir attiv; kif ukoll

    (b) fil-każ tal-pjanti *Juniperus*, għal perjodu mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena.

    Tul dan il-perjodu ta' detenzjoni wara d-dħul, il-materjal għandu jinstab ukoll ħieles minn kull pest ta' ħassib elenkat fil-punt 4. Għandha tingħata attenzjoni partikolari mill-awtorità kompetenti jew mill-operaturi professjonali li għal kull pjanta tiġi ppreservata l-marka jew il-kodiċi tat-traċċabbiltà imsemmija fil-punt 6(d).

11. Kull lott li jkun fih materjal li ma jinsabx ħieles mill-pesti ta' ħassib, tul il-perjodu ta' detenzjoni wara d-dħul, imsemmi fil-punt 10, għandu jinqered minnufih mill-awtorità kompetenti jew mill-operatur professjonali bis-superviżjoni uffiċjali tal-awtorità kompetenti.

12. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'kull kontaminazzjoni ta' pesti ta' ħassib li tkun ġiet ikkonfermata tul il-perjodu ta' detenzjoni wara d-dħul imsemmi fil-punt 10. F'dan il-każ, il-mixtla rilevanti fil-Ġappun għandha tiġi skwalifikata mill-istatus uffiċjali ta' mixtla reġistrata. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'dan lill-Ġappun minnufih.